**26 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Salvatore Bonnici

*versus*

Giuseppe Bonnici

**Kawżali — Bdil ta' kawżali**

*Il-kawżali ta' ċitazzjoni, skond l-insenjament tal-Qrati tagħna, ma tistax tiġi mibdula.*

Il-Qorti;

Omissis.

Tikkunsidra illi l-fatti huma kif riepilogati fir-relazzjoni peritali paragrafu. XV. Il-kontendenti kellhom bejniethom assoċjazzjoni in parteċipazzjoni fil-komunjoni tal-interessi rigward it-tmexxija ta' ħanut f'Kingsway, Valletta, taħt l-insenja "Puma". Huma kellhom "joint loan account" mal-Bank Tagliaferro kontra xi penji, u l-konvenut waħdu kellu "loan

account" mal-istess bank. Fid-disgħa u għoxrin (29) ta' April 1950 fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri l-kontendenti għamlu kuntratt, li fih ħa parti wkoll in-Nobbli Carlo Sant Fournier għal Bank Tagliaferro, li bih — wara li ppremettew (a) li bejn il-kontendenti kienet teżisti "assoċjazzjoni in parteċipazzjoni" fil-komunjoni tal-interessi rigward it-tmexxija ta' ħanut f'Kingsway, Valletta, taħt l-insenja kommerċjali "Puma" li ma kienitx regolata minn ebda skrittura (b) illi huma kienu debituri flimkien bħala assoċjati lejn il-Bank Tagliaferro fis-somma ta' tliet elef erba' mija u ħamsa u tletin lira (£3435), xoljew l-imsemmija assoċjazzjoni bejniethom b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar 1950,, u b'hekk il-ħanut sar ta' proprjetà unika tal-attur u taħt dawn il-kondizzjonijiet: 1) l-attur assuma hu totalment l-imsemmi debitu ta' tliet elef erba' mija u ħamsa u tletin lira (£3435) lejn il-Bank Tagliaferro, li minnhom ħallas elfejn lira (£2000) fuq l-att; 2) l-attur obbliga ruħu illi jħallas lill-konvenut a saldo ta' qualunque pretensjoni tiegħu fuq il-ħanut u d-ditta "Puma" erbat elef disa' mija u erbgħa u ħamsin lira, tliet xelini u għaxar soldi (£4954.3s.10d.) li minnhom ħallas elfejn u ħames mitt lira (£2500) lill-konvenut fuq l-att u, b'ipoteka ta' ħwejġu, obbliga ruħu illi jħallas il-bilanċ ta' elfejn erba' mija u erbgħa u ħamsin lira, tliet xelini u għaxar soldi (£2454.3s.10d) in kwantu għal elf mitejn u ħamsin lira (£1250) fi żmien sena u l-kumplament fi żmien sentejn 3) l-attur inoltre ddikjara ruħu debitur lejn il-konvenut fis-somma ta' tliet mija u erbgħa u tmenin lira, erbatax-il xelin u sitt soldi (£384.14.6) li dan kien avanzalu għal xiri ta' merkanzija li minnhom l-attur ħallas mitt lira (£100) fuq l-att, u obbliga ruħu illi jħallas il-bilanċ b'rati mensili ta' ħamsin lira (£50) il-waħda (Kuntratt fol. 29).

Issuċċeda wkoll illi l-konvenut kellu depożitat il-Bank Tagliaferro sitt mija u ħamsin lira (£650) Defence Bonds li għalkemm kienu proprjetà tiegħu però kienu qegħdin f'dan il-Bank biex jagħmlu tajjeb bħala "pegno" għas-sikurezza tal-ħlas tal-"joint account", u fil-konteġġ tal-bilanċ dovut lill-

istess Bank, dan il-pegno ġie dedott mill-joint loan account, u għalhekk il-bilanċ ġie stabilit f'tliet elef erba' mija u ħamsa u tletin lira (£3435) li assuma interament li ħallas l-attur kif intqal qabel. Meta in segwitu dan l-iżball ġie rilevat mill-konvenut lil Bank Tagliaferro, dan akkreditah bl-imsemmi ammont ta' Defence Bonds u xi interess fuqu u addebitah bl-istess ammont lill-attur li in vista ta' ċessjoni lilu magħmula mill-konvenut ta sehmu mill-assoċjazzjoni in parteċipazzjoni fuq imsemmija, kien assuma fuq spallejh, bħala parti tal-prezz taċ-ċessjoni, il-bilanċ kollu li kien għadu dovut bħala "joint loan account". Billi l-attur qiegħed jippretendi illi dak l-ammont tad-Defence Bonds bl-interessi fuqu kellu jiġi suffert nofsu u mill-konvenut nofs kull wieħed qiegħed jikkalkola illi dan in-nofs ta' Defence Bonds u interessi fuqu għandu jinqata' mill-ammont ta' elfejn erba' mija u erbgħa u ħamsin lira, tliet xelini u għaxar soldi (£2454.3s.10d) li fl-istess kuntratt taddisgħa u għoxrin (29) ta' April 1950 huwa obbliga ruħu ipotekarjament illi jħallas lill-konvenut a saldu tal-prezz taċ-ċessjoni u għalhekk jippretendi kif qal fiċ-ċitazzjoni illi d-dejn tiegħu lejn il-konvenut jinsab **"sodisfatt"**.

Il-konvenut għal kuntrarju eċċepixxa illi d-dejn ma hux imħallas kollu, u fil-kors ta' kawża rrileva illi l-korrispettiv ta' ċessjoni ta' sehmu mill-ħanut "Puma" lill-attur kien ġie stabilit fil-liberazzjoni tiegħu mill-ħlas ta' sehmu mill-bilanċ dovut mill-"joint loan account" u fil-ħlas lilu ta' erbat elef disa' mija u erbgħa u ħamsin lira, tliet xelini u għaxar soldi £4954.3s.10d), u ma kienx jikkontenta b'erbat elef disa' mija u erbgħa u *ħamsin lira, tliet xelini u għaxar soldi* (£4954.3s.10d.) kieku kellu jħallas xi ħaġa ma dan il-bilanċ tal-joint loan account.

Il-perit legali (fol. 62) wasal għal konklużjoni illi t-talba tal-attur missa ġiet bażata fuq id-dikjarazzjoni li l-prezz stabilit għaċ-ċessjoni kien żbaljat, u li t-talba ma tistax tiġi milqugħa fuq il-kawżali tal-ħlas tal-kreditu da parti tal-attur, u dan

billi l-kawżali ta' ċitazzjoni ma tistax tiġi mibdula skond l-insenjament tal-Qrati Tagħna (Farrugia v. Borg Kollez. Vol. XXXIX P.I. Para. I. 243, u Ellul v. Axiak XXXIX P.II P. 618).

L-attur fin-nota tal-osservazzjoni tiegħu osserva illi huwa ma kienx uża l-kliem illi d-debitu kien imħallas, imma li d-debitu kien sodisfatt, u kien sodisfatt proprju bil-mod fuq imsemmi, ċioè billi huwa bagħta nofs l-ammont tad-Defence Bonds, u għalhekk il-kawżali hija sewwa.

Issa għalkemm huma veru illi l-attur uża l-kelma "sodisfatt" u mhux "imħallas" fl-att taċ-ċitazzjoni jibqa' dejjem veru illi, kif osserva l-perit (para. XXV tar-rapport), l-attur akkwista minn għand il-konvenut is-sehem tiegħu ta' negozju "Puma" bi prezz li kien jikkonsisti fl-assunzjoni tad-debitu lejn il-Bank Tagliaferro ammontanti għal tliet elef erba' mija u ħamsa u tletin lira (£3435), u għal erbat elef disa' mija u erbgħa u ħamsin lira, tliet xelini u għaxar soldi (£4954.3s.10d) li kellu jħallas lil konvenut bil-mod fuq indikat. Issa huwa qiegħed jippretendi li ma għandu jagħti xejn lill-konvenut għaliex fil-kalkoli tal-prezz fissat għaċ-ċitazzjoni kien ittieħed żball. Dan ifisser illi l-attur ma jridx joqgħod għal dak li rriżulta fl-imsemmi att tad-disgħa u għoxrin (29) ta' April 1950, u qiegħed jippretendi illi d-dejn lejn il-konvenut huwa sodisfatt għaliex huwa ħallas lil Bank Tagliaferro iżjed milli rriżulta mill-imsemmi att. Deċiżjoni ta' kwistjoni bħal din però skond il-ġurisprudenza tagħna għandha tiġi mitluba espressament almenu permezz ta' dikjarazzjoni. "E' di regola che le domande principali devono essere precedute da domande per dichiarazioni, o dalle domande principali devono essere aggiunte domande per dichiarazioni — quando il fatto, per cui si domanda le dichiarazioni sia stato negato o messo in dubio dal convenuto e quindi da lui provocato, o quando la dichiarazione si riconosce indispensabilmente necessaria per la proposizione della domanda principale, come intrinsicamente connessa colle

domande principali (Appell Abdilla v. Messina Vol. VIII. P. 327). *L-azzjoni tal-attur tista' tiġi salvata jekk wara dikjarazzjoni ġudizzjali illi l-prezz taċ-ċessjoni għar-raġunijiet premessi kien żbaljat — jew xi dikjarazzjoni oħra equipollenti jirriżulta illi bil-pagamenti illi huwa għamel lil Bank Taglaiferro — d-debitu tiegħu lejn l-attur huwa verament sodisfatt.*

Għaldaqstant tagħti żmien ta' xahar lill-attur biex jiddeduċi l-azzjoni opportuna permezz ta' ċitazzjoni, u tirriserva illi tiddeċidi definitivament il-kawża wara li għadda inutilment dan it-terminu jew wara d-deċiżjoni tal-kawża jekk intentata millattur. Spejjeż riservati.